MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru. 558/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Charles Barbara, iben James, imwieled l-Imqabba fid-19 ta' Awwissu, 1943, Karta ta' l-Identita numru 533943(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fil-perjodu ta' bejn Marzu, 2006 u Jannar, 2007 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a.      approprja ruħu minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt tiolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' ħa flejjes li jammontaw għal aktar minn Lm1,000, liema flejjes jappartjenu lill-istess kumpanija Shubari Co. Ltd.;

b. talli bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jppretnedi li għandu, ġiegħel bl-awtorita’ tiegħu nniffsu, fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta’ ħwejġu, jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;
c. xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal jew biegħ jew mexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-kwerela ta’ Carmel Mifsud.

Rat in-nota ta’ Carmel Mifsud eżebita fis-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2010 fejn iddikjara li m’għandux interess fil-meritu ta’ din il-kawża u kien qed irrinunzja għall-kwerela tiegħu għal finijiet tal-proċeduri odjerni.

Semgħet lill-prosekuzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti t-tieni akkuża ġiet pruvata skont il-liġi.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------